**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 7 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru. 61/2016**

**Peter Bonnici**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn **Peter Bonnici** fil-31 ta' Awissu 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi huwa applika sabiex ikollu mgedded il-permess ta' xufier skont ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur izda t-talba tieghu giet michuda u dana b'risposta tal-intimat datata 24 ta' Awwissu 2016;*

*Illi r-rifjut tal-Awtorita` intimata inghata minhabba sentenza datata 29 ta' Novembru 2011 mill-Qorti Kriminali. Ta' min jghid illi dina d-data hija ta' meta nghatat is-sentenza mill-Qorti kompetenti ghal kaz li kien sehh fis-sena 2004 ossia tnax-il sena ilu. Illi minn dak iz-zmien sal-lum l-esponenti rriforma ruhu kompletament u jkun verament oltragg tal-gustizzja jekk l-imsemmi permess jibqa' ma jinghatax lill-esponenti meta fil-verita` huwa kull ma jixtieq huwa li jkompli jahdem ix-xoghol li huwa jaf jaghmel u dana anke sabiex huwa jkompli fuq it-triq tajba li huwa qabad;*

*Illi l-esponenti jikkontendi li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata hija wahda skorretta u dana ghaliex tmur kontra dak sancit fl-Artikolu 5 et seq tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qed isir dana l-umli rikors;*

*Ghaldaqstant l-esponenti qed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu b'rispett jirrevoka u jannulla d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 24 ta' Awwissu 2016 u joghgbu jordna li l-esponenti jinghatalu l-permess ta' xufier skont ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata**ipprezentata fit-2 ta' Novembru 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-allegazzjonijiet, l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji hekk kif ser jigi muri fil-kors ta' dawn il-proceduri;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, id-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija ragjonevoli, gusta u legali u, konsegwentement, ghandha tigi konfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, kif afferma r-rikorrent stess fl-att promotur, hu recentement applika ma' l-Awtorita' intimata sabiex it-tag tieghu bhala xufier tigi imgedda. Tali process ta' tigdid jesigi li l-Awtorita' intimata tosserva r-regolamenti li jinsabu fis-sehh meta ssir tali applikazzjoni ghat-tigdid, ossia osservanza u adempiment tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u dan a bazi tal-principju ta' tempus regit actum.*[1] *Illi fid-data ta' l-applikazzjoni tar-rikorrent, ir-regolament 130A(4)(a) kien jippreskrivi hekk: "Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk ... tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezimu (€465.87)." L-operat ta' l-Awtorita' intimata f'dan il-kaz kien li ssegwi din il-ligi. Ghalhekk, id-decizjoni taghha kienet, u ghadha, wahda gusta u lecita;*

4. *Illi b'estensjoni ghall-eccezzjoni precedenti, jigi sottolinejat illi hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jippratikhom irid ikollu kondotta tajba w li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jippratikhom jew, jekk ikun qed diga' jippratikhom, jista' fl-interess tas-socjeta' ma jithalliex ikompli jippratikhom billi jew titnehhilu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dik tar-rikorrenti. Dan hu s-sens tar-regolament citat supra;*

---

[1] Huwa sew maghruf, dottrinalment u gurisprudenzjalment, illi l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet, sew dawk *ex contractu* jew *ex lege*, "*si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*" (**Filomena Borg et v. Antonio Borg et**, Appell Civili, 28 ta' Gunju,1907 riportata f'*Kollez.* Vol.XX-I-68). Ghalhekk, hu principju generali anke fl-ordinament taghna li, ghax *tempus regit actum*, id-dixxiplina ta' fatt hi assoggettata ghan-normattiva taz-zmien li fih dak l-istess fatt isehh. Tali principju jinsab ukoll fis-sentenzi **Ottavio Suda v. Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Konsumatur et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru 2008) u **Leonard Cassar v. L-Awtorita' Ta' Malta Dwar L-Ambjent U L-Ippjanar** (Appell Inferjuri, 8 ta' Mejju, 2013).

5. *Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Ra d-dokumentiipprezentati;

Sema' x-xhieda tal-Parole Officer Charisse Boffa, tal-Maggur Carmelo Bonnici, ta' Dorianne Scicluna, ta' Sylvana Bartolo u tar-rikorrent;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 24 ta' Awissu 2016 li permezz taghha l-istess Awtorita` infurmatu li ma kinitx se ggeddidlu l-permess u t-tikketta (*tag)* ta' xufier u dan stante li ma kienx jikkwalifika ghall-ghoti ta' tali permess u *tag* ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Muturi u ai termini tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri minhabba sentenza li nghatat fil-konfront tieghu fid-29 ta' Novembru 2011.

Illi t-Tribunal jirrileva illi biex xufier ikun jista' jsuq vettura bil-mutur ghall-kiri, minbarra l-permess ta' xufier ai termini tar-Regolament 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri), irid ikollu wkoll tikketta, kif aktar komunament maghrufa bhala *tag,* ta' identifikazzjoni ai termini tal-artikolu 130A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) mahruga mill-Awtorita` intimata. Illi skond Regolament 22 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 il-permess ta' xufier u t-tikketta ghandhom jibqghu validi ghal perjodu ta' hames snin mid-data li fiha jinghata l-permess ta' xufier jew perjodu iehor iqsar kif specifikat fuq l-istess permess jew tikketta, sakemm ma jkunux revokati jew sospizi.

Illi mis-sentenza esebita mir-rikorrent u mmarkata bhala Dokument B a fol. 49 *et sequitur* jirrizulta illi fid-29 ta' Novembru 2011 ir-rikorrent kien gie misjub hati mill-Qorti Kriminali, fuq ammissjoni, talli fis-sena 2004 kkoltiva u kellu fil-pussess tieghu l-pjanta tal-cannabis u l-Qorti Kriminali ikkundannatu ghal seba' (7) snin u sitt (6) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' sbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€17,400).

Illi in vista tas-sentenza su citata, l-Awtorita` intimata ma geddidtx ***it-tag*** lir-rikorrent stante li ai termini tar-Regolament 130A (3) tal-Legislazzjoni

Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) *"L-imsemmija tag tinhareg biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li -*
*(a) ikollu l-licenza tas-sewqan adatta,*
***(b) fil-fehma tal-Awtorità jkollu kondotta tajba,***
*(c) jattendi b'mod regolari kors ta' taghlim approvat mill-Awtorità u jghaddi mill-ezami fi tmiem l-imsemmi kors"*

Illi mbaghad Regolament 130A (4) (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 jispjega illi *"Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk....tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centemzu (€465.87)."*

Illi mbaghad ai termini tar-Regolament 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, biex applikant jinghata **permess ta' xufier** irid ukoll jissodisfa r-rekwizit ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Taht dawn l-ahhar Regolamenti, reputazzjoni u kondotta tajba huma hekk kif definiti f'Regolament 9 (1) minbarra l-paragrafu (g) tieghu, u skond ir-Regolament 9 (2).

Illi Regolament 9 jistipula s-segwenti:-

*"(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew tal-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*
*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar;*
*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*
*(i) sena fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar iżda li ma jkunux aktar minn sena;*
*(ii) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena iżda li tkun inqas minn għaxar snin; u*
*(iii) għaxar snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' għaxar snin jew aktar;*
***(d) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara ż- żmien li tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar, minbarra pieni li tkun ingħatat fir-rigward ta' dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun;***
*(i) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ġiet ikkundannata piena ta' priġunerija ta' inqas minn ħames snin; u*
***(ii) ħames snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' ħames snin jew aktar;***
*(e) għal perjodu ta' żmien li jkun daqs dak tal-piena ta' priġunerija mogħtija, meta l-Qorti tista' tordna li sentenza bħal dik m'għandhiex tibda sseħħ skont l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, liema perjodu għandu jibda jgħodd mid-data ta' meta tkun ingħatat is-sentenza;*

*(f) għal perjodu ta' sena minn meta tkun ġiet imposta multa jew multi li flimkien ikunu jammontaw għal mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) imposti fit-tnax-il xahar ta' qabel fuq persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza jew għal reat jew reati skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, l-Att, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur jew reat jew reati skont kull regolament li jsir taħthom;*
*(g)......*
*(h) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta:*
*Iżda meta l-Qorti tordna li sentenza sospiża tidħol fis-seħħ, il-perjodu li dwaru l-Awtorità għandha tirrifjuta li toħroġ il-liċenza skont il-paragrafu relevanti ta' dan is-subregolament wara li tkun ingħatat dik l-ordni, għandu jiġi mnaqqas bil-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu l-persuna tkun diġà ġiet miċħuda lilha l-liċenza mill-Awtorità għall-istess reat skont il-paragrafu (e):*
*Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafi (ċ), (d) u (e) m'għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn.*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" m'għandhiex tinkludi:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kundizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew*
*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew*
*(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell;*
*(d) sentenza għat-twettiq ta' reat li –*
*(i) twettaq qabel id-19 ta' Mejju 2009;*
*(ii) twettaq minn persuna li kellha tag ta' xufier valida maħruġa lilha mill-Awtorità qabel id-19 ta' Mejju 2009; u*
*(iii) ingħatat mill-anqas ħames snin qabel id-data li fiha tkun saret applikazzjoni għat-tiġdid tat-tag ta' xufier u tal-permess ta' xufier."*

Illi dan it-Tribunal ha in konsiderazzjoni dak kollu li xehed ir-rikorrent u kif ukoll dak li xehdet il-*Parole Officer* Charisse Boffa, il-Maggur Carmelo Bonnici u wkoll Dorianne Scicluna li kollha kellhom kliem ta' tifhir fuq l-attitudni tar-rikorrent kemm gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u kemm fuq il-lant tax-xoghol. Madankollu dan it-Tribunal irid jara jekk bil-kundanna li kellu r-rikorrent hemmx xi inibizzjoni legali milli huwa jinghata t-*tag* u l-permess ta' xufier.

Illi f'kaz bhal dak li kellu r-rikorrent, skond Regolament 9 (d) (ii) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 iridu jkunu ghaddew hames (5) snin mid-data tas-sentenza biex l-Awtorita` intimata tkun tista' tohrog il-permess ta' xufier.

Fil-kaz odjern dawn il-hames (5) snin ikunu ghaddew f'Novembru 2017. Ghaldaqstant l-Awtorita` intimata kellha ragun tohrog ir-rifjut fir-rigward tal-permess ta' xufier.

Illi fir-rigward tat-*tag* skond artikolu 130A(4) (a) ukoll hemm bzonn id-dekors ta' hames (5) snin minn meta tkun giet pronunzjata s-sentenza u ghalhekk ir-rikorrent ikun f'posizzjoni li jikseb it-*tag*, salv procedimenti ohra li jista' jkun hemm kontrih, f'Novembru 2017.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata giet ggwidata fid-decizjoni taghha mid-dettami tal-ligi nnifisha u ma ezercitat l-ebda diskrezzjoni arbitrarja. Dan it-Tribunal jifhem ic-cirkostanzi partikolari tar-rikorrent imma l-ligijiet li jirregolaw dan is-settur huma cari u ma jaghtu lok ghal ebda interpretazzjoni hlief dik moghtija mill-Awtorita` intimata u espressa minn dan it-Tribunal.

**DECIDE**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tar-rikorrent u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**